MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 1573/1999/1

**Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera Sun Alliance and London Insurance plc bhala surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurata taghha Andrea Hamilton Hill u l-istess Andrea Hamilton Hill u b'nota tal-kumpanija Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera Royal and Sun Alliance Insurance plc kif surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurata taghha Andrea Hamilton Hill li biha qed tassumi l-atti tal-kawza fl-ismijiet imsemmija bhala attrici minflok Elmo Insurance Agency Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija estera Sun Alliance and London Insurance plc bhala surrogata bil-polza u bil-ligi fid-drittijiet tal-assikurata taghha Andrea Hamilton Hill**

**vs**

**Antoine Zerafa**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-atturi fid-29 ta' Ottubru, 1999 fejn talbu lil din il-Qorti li tiddikkjara lill-konvenut responsabbli ghal kollizzjoni li grat tort tieghu fit-28 ta' Settembru 1998 in-Naxxar bejn il-vettura BCY 932 misjuqa mill-konvenut u l-vettura MRS 007 misjuqa minn Edward Hamilton Hill, ta' proprjeta' ta' l-attrici u assikurata mal-kumpanija attrici u ghalhekk responsabbli ghad-danni konsegwenzjali u (2) ghaliex m'ghandhux jigi kkundannat ihallas is-somma ta' erba' mija tlieta u sebghin liri Maltin wiehed u tmenin centezmu (Lm473.81) bhala danni kwantu ghas-somma ta' tlitt mija tlieta u ghoxrin lira Maltin wiehed u tmenin centezmi (Lm323.81) lill-kumpanija attrici bhala s-somma li sbursat taht il-polza u kwantu ghas-somma ta' mija u hamsin lira Maltin (Lm150) lill-attrici li batitha minn butha.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-15 ta' Frar 1999 u ta' dik kontestwali lill-Omnibus Pool u bl-imghax ta' 8% fis-sena mill-15 ta' Frar 1999 data ta' l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1. It-talba ta' l-atturi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha ghalhekk tkun michuda bl-ispejjez kontrihom stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort l-eccipjenti izda unikament htija ta' Edward Hamilton Hill xufier tal-vettura numru MRS 007.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-Ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament:

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni illi grat f’Gharghur Road, in-Naxxar kantuniera ma’ Triq San Pawl fit-28 ta’ Settembru 1998 bejn il-coach BCY 932 misjuq mill-konvenut u l-karozza MRS 007 misjuqa minn Edward Hamilton Hill. L-incident gara hekk kif iz-zewg vetturi hargu minn wara l-*stop sign* biex iduru lejn ix-xellug. Iz-zewg sewwieqa jghidu li t-tnejn kienu wieqfa fil-mument ta’ l-impatt.

Ikkunsidrat:

Illi jekk wiehed jikkunsidra l-versjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa, l-Qorti difficli tifhem kif dan l-incident seta’ jsir. It-tnejn qalu illi kienu weqfin fil-mument ta’ l-impatt u jwahhlu f’xulxin min minnhom dahal f’min.

Irrizulta mill-provi illi l-ewwel li ma wasal fuq il-post kien il-konvenut bil-coach tieghu illi waqaf wara l-*stop sign*. Wara xi ftit sekondi wasal Edward Hamilton Hill bil-karozza MRS 007 illi pogga l-karozza tieghu fuq in-nahha tax-xellug tal-coach. Dak il-hin skond il-konvenut huwa kien diga angolat lejn ix-xellug, bl-indicator mixghul u qaghad jistenna l-vetturi jghaddu minn St Paul’s Street. Hin minnhom meta ghadu kien f’din il-posizzjoni hass il-coach jiccaqlaq u nduna illi bejnu u bejn l-splay fil-kantuniera kien hemm karozza infilzata illi kkawzat danni fuq il-coach. (ara sketch esebit a fol 45)

Minnaha l-ohra Edward Hamilton Hill ighid illi huwa waqaf wara l-*stop sign*, izda l-coach minghajr sinjali ta’ xejn bdiet miexja u daret lejn ix-xellug b’mod li ghafsitu bejn il-coach u l-splay. Fi kliemu stess (a fol 17) Hamilton Hill ighid *“…..coach stopped in the middle of the road and where the coach stopped there was a stop sign. I proceeded to*

*stop my car on the left side of the coach where there was ample space. After I stopped the coach moved and turned towards the left without indicating previously the intention of its driver to do so. Whilst passing by my stationary vehicle he brushed against my front wheel side.”*

Minahha l-ohra l-konvenut a fol 56 ighid fost affarijiet ohra *“meta wasalt fil-kantuniera jiena zammejt ftit lejn il-lemin, b’dana sabiex inkabbar it-turning circle tal-vettura peress illi hija wahda kbira…… Il-posizzjoni tal-vettura tieghi kienet angolata lejn ix-xellug bl-indicators mixghulin. Kont daqsxejn sporgut il-barra nistenna l-vetturi minn fuq ix-xellug ighaddu. Waqt li kont hekk nistenna nhoss daqqa fuq it-truck, hassejtu jiccaqlaq. Hrigt u nsib li fuq ix-xellug tieghi wara r-rota ta’ quddiem kien hemm karozza mkahhla mal-gemb xellugi tal-coach.”*

Ikkunsidrat:

Biex il-Qorti tasal ghal konkluzzjoni dwar ir-responsabbilta’ ta’ l-incident trid tabbina x-xhieda ma’ l-sketch. L-sketch hu wiehed *to scale*. Minn dan jidher car li x-xarabank kien f’posizzjoni angolata fid-direzzjoni ta’ St Paul’s Street. Magembu fl-istess angolu hemm il-karozza misjuqa minn Hamilton Hill. Iz-zewg vetturi qeghdin wara l-*stop sign* li hemm f’Gharghur Road. Iz-zewg sewwieqa qalu li waqfu ma’ l-*stop sign*, pero’ mill-sketch jirrizulta li l-incident gara hekk kif iz-zewg vetturi saqu minn wara l-*stop sign*. Il-posizzjoni tax-xarabank kwazi nofsha diga go St Paul’s Street tindika certa moviment fid-direzzjoni ta’ l-istess triq u l-istess jista’ jinghad mill-karozza misjuqa minn Hamilton Hill.

Il-Qorti hija sodisfatta illi fil-fatt iz-zewg vetturi kienu *in motion* meta gara l-incident. Minhabba l-kobor tal-vettura tieghu l-konvenut kellu bil-fors izomm daqsxejn il-barra biex ikabbar it-*turning circle* sabiex jidhol go St Paul’s Street. Minahha l-ohra jidher illi Hamilton Hill ipprova jiehu vantagg mill-ispazju li kien hemm bejn il-coach u l-splay u haseb li seta’ jghaddi minn dan l-ispazju. Gara pero’ illi hekk kif il-coach kompliet fid-direzzjoni taghha lejn St Paul’s Street, dan l-ispazju kompla jirristringi ruhu

biex b'hekk Hamilton Hill sab ruhu f'posizzjoni illi ma setax ikompli fit-triq tieghu minhabba li bejn il-coach u l-splay ma kienx hemm spazju bizzejjed biex ighaddi u kien hawnhekk illi gara l-incident.

Fil-kontro-ezami tieghu Hamilton Hill qal li mill-posizzjoni tal-coach assuma li dina kienet ser tmur lejn il-lemin. Ma hemmx dubbju, illi Hamilton Hill ghamel certa assunzjonijiet illi ma kienux korretti. Mill-posizzjoni angolata li tidher fuq l-sketch ma jistax ikun illi l-coach qatt kienet f'xi posizzjoni li tindika li sejra lejn il-lemin, anke jekk l-indicators ma kienux mixghulin illi din il-Qorti tiddubita. Il-Qorti ticcensura lil Hamilton Hill talli pogga l-karozza tieghu f'posizzjoni skabruza u ta' perikolu kemm ghalih kif ukoll ghax-xarabank. Minhabba l-kobor ta' din l-ahhar vettura l-Qorti tifhem illi s-sewwieq taghha, l-konvenut Antoine Zerafa kien infaccat b'certa diffikultajiet li l-konfigurazzjoni tat-triq ma ghenux biex jithaffew.

Minahha l-ohra l-Qorti tifhem li l-coach tkun munita b'mirja bizzejjed sabiex is-sewwieq ikun jista jikkontrolla n-nahiet kollha tax-xarabank u jkun jaf min hemm magembu. Ghalhekk il-Qorti tifhem ukoll li l-konvenut messu nduna bil-presenza ta' Hamilton Hill fuq ix-xellug tieghu, u ma jsuqx qabel ma jkun cert illi dik in-naha hija libera. Il-konvenut ukoll kien jaf illi jekk ikompli bid-direzzjoni tieghu l-ispazju bejnu u bejn l-splay ser tidjieq biex b'hekk kwalunkwe karozza li jkun hemm f'dak l-ispazju ser tinfacca diffikultajiet serji. Madankollu jidher li ma tantx kien jimpurtah illi kien ser jikkawza dawn id-diffikultajiet u kompla bit-triq tieghu sakemm fl-ahhar gara l-incident.

Ghalhekk minn dan il-ghan il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut ghandu jerfa certa responsabbiltajiet minhabba nuqqas ta' *proper lookout.* Minahha l-ohra l-Qorti jidhrilha li Hamilton Hill ukoll ghandu jerfa' certa piz peress li huwa kien imprudenti bil-mod kif pogga l-vettura tieghu f'posizzjoni skabruza.

Hamilton Hill kien jaf jew almenu messu kien jaf illi l-vettura misjuqa mill-konvenut kien ser ikollha xi diffikultajiet biex timmanuvra. Mhuwiex verosimili li tghid li

assuma li sejra lejn il-lemin. Hamilton Hill ma messu assuma xejn. Il-vettura hija wahda kbira u difficli biex timmanuvra u ghalhekk messu qaghad lura u jistenna din il-vettura tikklerja t-triq sabiex huwa jkun jista’ jkompli minghajr perikolu. Dana pero’ ma ghamlux u jew minhabba l-ghagla jew kalkolu hazin haseb li seta’ jghaddi minn bejn l-splay u l-coach. Hawnhekk Hamilton Hill fallielu meta l-coach bdiet tersaq lejn ix-xellug biex iddur ghal Triq San Pawl.

Il-Qorti tikkonkludi ghalhekk, illi ssib iz-zewg sewwieqa nvoluti responsabbli ghal dan l-incident fi kwoti wgwali. Wiehed u cioe’ l-konvenut talli ma zammx *a proper lookout* qabel ma kompla fit-trieq tieghu ghal go Triq San Pawl u l-iehor Hamilton Hill talli kien imprudenti billi pogga l-vettura f’posizzjoni skabruza u difficli sabiex ikun jista’ jikkontrolla s-sitwazzjoni.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi. Tiddikkjara illi l-kollizzjoni illi grat fit-28 ta’ Settembru 1998 f’Gharghur Road, kantuniera ma’ Triq San Pawl in-Naxxar bejn il-vettura BCY 932 misjuqa mill-konvenut u l-vettura MRS 007 misjuqa minn Edward Hamilton Hill huma responsabbli ghaliha l-konvenut u Edward Hamilton Hill f’porzjonijiet ugwali.

Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta’ mitejn u seba’ u tletin lira (Lm237) u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-atturi dan l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data ta’ din is-sentenza li ghandhom jitqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------